▫l
KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

T: +356 2133 7633
E: sliema.support@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt

# LAQGĦA TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 31

Il-wieħed u tletin seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 13 ta' Mejju 2026, fis-6pm ġewwa The AX Palace Hotel, Triq il-Kbira, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

| | | | |
|---|---|---|---|
| | 1 | John Pillow | Sindku |
| | 2 | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | 3 | Zack Zammit | Kunsillier |
| | 4 | John Dougall | Kunsillier |
| | 5 | David Soler | Kunsillier |
| | 6 | Kevin Wain | Kunsillier |
| | 7 | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | 8 | Ryan Borg | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Anton Debono | Viċi Sindku |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| **ASSENTI** | J Aquilina | Kunsillier |
| | J. Higgans | Kunsilliera |
| | V Galea Pace | Kunsilliera |

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

**Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:10pm:**

**31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 30;**

**31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**31.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

**31.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;**

**31.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

**31.7 Mozzjonijiet;**

**31.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

## 31.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**30.1.1** Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillieri

Viċi Sindku A Debono

Kunsillier D Muscat

## 31.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 30

**31.2.1** Ma kien hemm ebda korrezzjonijiet.

Il-Minuti ġew approvati mill-Kunsillier D Sole, u ssekondat mill-kunisllier E Borg.

## 31.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**31.3.1** **Xogħolijiet ta' Toroq u bankini fil-lokalita':**
Is-Sindku spjega li l-program ta' xogħolijiet tat-tarmac għat-toroq u bankini ta' Triq Ġafar, Triq il-Lunzjata, Triq Patri Marjanu Vella, Triq Mons. Depiro, Triq il-Ħnejja u Triq San Pawl issa tlestew, jew ser jitlestew fil-ġimgħat li ġejjien.

*Il-Kunsillier K Wain daħal għal laqgħa fis-6:18pm*

31.3.2

**Proġett Ferro Bay**:
Inqalgħet pjattaforma kbira minħabba l-ħsarat ikkawżati minn Storm Harry. Intlaħaq ftehim sabiex din titneħħa u minflok isir paving bil-concrete b'rampa aċċessibbli. Għad fadal xi permessi x'jinħarġu, iżda l-pjan huwa li jitneħħa l-paving kollu eżistenti u jiġi sostitwit b'printed concrete. Se jinbnew tliet fillati bħala retaining wall. Ser isiru wkoll xogħlijiet taħt il-Balluta, fiż-żona tal-gazebos.

31.3.3

**Passaġġ għal Exiles:**
Hemm il-ħsieb li dan jiġi rranġat, iżda għad hemm xi permessi li jridu jinħarġu qabel ma jkunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet.

## 31.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

31.4.1 Ma kien hemm ebda mistoqsijiet minn naħa tal-kunsilliera

## 31.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

31.5.1 **L-Aġġudikazzjoni tat-Tender** għax-Xogħlijiet tat-Toroq ġiet finalizzata u issa għad fadal il-perjodu ta' 10 ijiem għall-appelli. Malli t-tender jiġi uffiċjalment awarded, hemm pjan estensiv ta' tiswija u bini ta' bankini, b'investiment ta' madwar €200,000 fuq mhedda ta' erba snin.

31.5.2 Il-kunsillier R Borg, tkellem dwar ix-xogħlijiet taħt il-Kunvent u talab għal darb'oħra li titnaqqas parti mill-istruttura sabiex tkun tista' tgħaddi ambulanza f'każ ta' emerġenza.

31.5.3 Il-kunsillier R Borg informa wkoll li għamel kuntatt dwar l-introduzzjoni ta' sistema RPZ (Resident Parking Zone) f'Tas-Sliemau dan kienet ser tkun parti m,ill-manifest elettorali tal-PL. Is-Sindku qal li ilu jiddiskuti din il-kwistjoni għal żmien twil u esprima x-xewqa li din tiġi implimentata fi żmien qasir.

**31.5.4** Il-kunsillier W Baldacchino tkellem dwar il-proġett ESWAN u l-attivita' li ser issir f'Malta. Qal li l-programm ġie ppreparat mis-Segretarju Eżekuttiv u għad fadal xi konfermi finali. Dan l-avveniment se jsir bejn l-4 u s-7 ta' Ottubru 2026.

**31.5.5** Is-Segretarju Eżekuttiv ta' aġġornament dwar ir-refurbishment tal-uffiċċju, fejn spjega li sfortunatament il-proċess naqas xi ftit minħabba ċirkostanzi diversi u għad fadal xi xogħlijiet x'jitlestew. Min-naħa l-oħra, is-sistema tat-telefonija ġiet installata b'suċċess permezz ta' sistema cloud. Informa wkoll li cleaner full-time beda jaħdem fl-uffiċċju.

**31.5.6** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ġie ffirmat il-kuntratt ma' Project Green. Fil-futur qarib se jinħareġ it-tender għall-latrina pubblika, u hemm il-ħsieb li tiddaħħal tariffa żgħira għall-użu tiegħu, bil-għan li jinżamm dejjem nadif u f'kundizzjoni tajba.

## 31.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

**31.6.1** Is-Sindku pprezenta lista ta' Pagamenti Kien hemm korrezzjoni fil-pagament numru 44 pagabbli lil eCabs, fejn l-ammont korrett għandu jkun €182 u mhux €501.20.

Il-Kunsillier David Soler ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsilliera E. Borg issekondat il-proposta. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti.**

## 31.7 MOZZJONIJIET

**31.7.1** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni ippreżentata waqt il-laqgħa

## 31.8 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

**31.8.1** Is-seduta ntemmet fit-7:00pm.

Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 11 ta' Ġunju 2026 fis-6pm.

Minuti approvati llum: **11 ta' Ġunju 2026**

| | |
|---|---|
| **John Pillow** | **Pierre P Portelli** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |